IDENTITY MALTA
Searches Unit,
Archbishop Street,
Valletta

No Remarks.

Order 1178829 Front Page

Name **DOMINIC FALZON**
Spouse
Father **FRANCIS FALZON**
Mother **MARY PORTELLI**

ID Card **0062059G** Birthplace **NADUR** Date Of Birth **07/11/1959**

Liabilities From 01/01/1997 To 15/02/2022 Gozo Only
Transfers From 01/01/1997 To 15/02/2022 Gozo Only
Fidi N/A

Search Results

Note Type	Note Year	Note Num.	V D/P D/M I			
GGPP	2001	658				
GH	2014	1313		GRC	2016	409
GT	1997	1190				
GI	1997	1913				
GI	1997	2135				
GI	1999	706				
GI	2001	1458				
GI	2014	2049				
GI	2016	2557				
GI	2017	1254				
GI	2019	4650				

Arkivre Arkivre

Nota ghall-Iskrizzjoni ta' **Ipoteka u Privilegg** Numru Progressiv: UL1313

Rimarki ghall-uzu
ufficcjali biss

KREDITUR: **APS Bank Limited**

DEBITURI: **Dominic Falzon**, suldat mal-Forzi Armati ta' Malta, bin il-mejjet Francis Falzon u Maria nee' Portelli, imwieled Nadur, Ghawdex fis-seba' (7) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u disa' u hamsin (1959) u joqghod Nadur, Ghawdex detentur tal- karta ta' l-identita bin-numru : 62059(G) u martu **Rose Falzon**, impjegata f'lukanda, bint Michael Cassar u Maria Carmela nee' Muscat imwielda Sannat, Ghawdex fis-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tnejn u sittin (1962) u joqghod Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 15262(G).

Arkivre Arkivre

KREDITU: Is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000) moghtija b'titolu ta' self mill-Kreditur lid-Debituri; liema somma mislufa d-Debituri ddelegaw lill-Bank li accetta, sabiex ihallas lill venditur Robert Gatt, bhala parti mill-prezz tax-xiri tal-proprjeta fl-Msida, Malta deskritta ahjar aktar 'l isfel, u dan b'mod li jigi rizervat favur il-Bank il-privilegg specjali skont l-Artikolu elfejn u ghaxra (2010) tal-Kodici Civili. Il-Bank rriserva a favur tieghu d-dritt li jimponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhirlu ragonevoli ghall-hlas lura tas-somma mislufa, fuq perjodu, kif gia notifikati, u/jew li jigu notifikati bil-miktub lid-Debituri, minn zmien ghal zmien, liema kondizzjonijiet jistghu jinbidlu, ivarjaw jew jizdiedu (inkluzi r-rati tal-imghaxijiet, it-tul ta' zmien, sigurta mehtiega u hlasijiet ohra) ghal ragunijiet kollaterali, legali, regolatorji, amministrativi jew kummercjali jew fl-eventwalita' ta' ksur ta' xi wiehed jew aktar mill-obbligi imsemmija fl-att. F'dan il-kaz il-Bank jaghti notifikazzjoni ragjonevoli bil-quddiem lid-Debituri. Is-self huwa ghal zmien stipulat. B'danakollu f'kaz ta' ksur ta' xi wiehed mill-obbligi msemmija fl-att, kull somma, kapitali u imghaxijiet li jkunu ghadhom ma thallsux lill-Bank (flimkien mal-ispejjez kollha), isiru dovuti u paggabbli minnufih u l-Bank ikun jista jinforza kull dritt li jappartjeni lilu u kull garanzija a favur tal-Bank issir infurzabbli minnufih. F'dan il-kaz, id-Debituri jitilfu kull beneficcju taz-zmien moghti lilhom bhalma hlas u dan minghajr il-htiega ta' procedura ohra. Dan is-self ma jkontx kondizzjonijiet ohra mehtiega bil-ligi jew fil-kuntratt fl-atti tieghi tan-Nutar (4) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014)

€23-29.

Arkivre Arkivre

KAWZA TA' PREFERENZA: Ipoteka Generali ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000) fuq il-beni kollha tad-Debituri in generali prezenti u futuri, kif ukoll Ipoteka Specjali u Privilegg Specjali ghall-istess ammont fuq is-segwenti:

- **L-appartament**, *partly furnished*, minghajr l-arja relattiva tieghu, internament markat bin-**numru hamsa (5)**, situat fis-second floor level, formanti parti minn kumpless akbar ta' bini bla numru u bl-isem *'Selamat'*, fi Triq Victor Denaro, gia Triq Nazju Ellul u gia Prince Andrew Avenue, l-Imsida, Malta, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu, sovrapost u sottopost proprjeta ohra fl-istess kumpless appartenenti lil terzi persuni. L-imsemmi appartament huwa muri ahjar bil-kulur ahmar fuq il-pjanti markati bhala **Dokument 'A'** u **Dokument 'B'** u annessi mal-att. L-imsemmi kumpless ta' bini fl-intier jikkonfina min-naha tal-punent mal-imsemmija triq, min-naha tal-grigal ma' proprjeta tal-Perit Joseph Mallia jew is-successuri tieghu fit-titolu, u min-naha ta' nofsinhar ma' proprjeta' ta' James Calleja jew is-successuri tieghu fit-titolu jew irjieh aktar korretti. L-imsemmi appartament jgawdi u huwa soggett ghas-servitujiet ezistenti naxxenti mill-posizzjoni tieghu fil-kumpless ta' bini. L-imsemmi appartament flimkien mal-units l-ohra tal-istess kumpless jgawdu d-dritt ta' użu tal-partijiet komuni tal-istess kumpless, li huma, il-bieb ta' dahla tal-kumpless, l-entrata, it-tarag, il-gaxa tat-tarag, il-lift u l-shaft tal-lift, kif ukoll is-sistema tad-drenagg u l-pipijiet tal-ilma tax-xita. L-imsemmi appartament jgawdi d-dritt tal-installazzjoni ta' tank tal-ilma u ta' aerial tat-television jew satellite dish fuq l-ogħla bejt, kif ukoll id-dritt ta' l-access ghal manutenzjoni ta' dawn is-servizzi.

Arkivre Arkivre

Data:
Direttur:

RICEVUTA LLUM
06 OCT 2014

Nutar Alyssa Manuela Cassar